# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1361/2013

## tas-17 ta' Diċembru 2013

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) B'segwitu għas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-280/12 P, Fereydoun MAHMOUDIAN u Fulmen mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK [2].

(3) Fereydoun MAHMOUDIAN u Fulmen għandhom jitneħħew mil-lista ta'persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. ŠADŽIUS

[1] ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

*ANNESS*

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti I(A), l-entrata nru 9 rigward 'Fereydoun MAHMOUDIAN' hija mħassra;

(2) fil-Parti I(B), l-entrata nru 13 rigward 'Fulmen' hija mħassra.